MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 104/2012

**Malcolm Mallia**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fl-atti ta' dan l-appell tar-rikorrenti Mark Gauci, Marisa Gauci, Mary Carmen sive Marlene Spiteri, Joseph Spiteri, Denise Borg, Marco Seifert, Josephine Azzopardi u Richard Azzopardi, Ivan Pace Moore u Michelle Pace Moore tas-6 ta' Novembru 2013 sabiex din il-Qorti taghmel referenza kostituzzjonali dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem ai termini tal-artikolu 1 Protokoll 1 u artikolu 6 tal-Kap. 319;

Rat ir-risposti tal-intimati li opponew ghal tali talba preliminarjament ghaliex l-ewwel eccezzjoni ghall-appell interpost mir-rikorrenti hi jekk l-istess appellanti

ghandhomx locus standi li jippromuovu l-appell billi tali appell hu inammissibbli skond il-ligi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tifhem l-iskop wara din it-talba. L-appellanti jsostnu illi jekk jigi stabbilit li gie lez lilhom id-dritt ta’ smigh xieraq skond l-artikolu 6 u/jew dritt tal-proprjeta taht artikolu 1 Protokoll 1 tal-Kap. 319 u dan ghax fejn qabel kellhom dritt ta’ appell skond il-Kap. 356 izda li tnehha fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal meta dahal fis-sehh il-Kap. 504, allura jfisser li jista’ jkollhom udjenza quddiem din il-Qorti f’dan l-appell.

Pero din il-Qorti tqis illi t-talba ghal referenza bbazata fuq l-allegat ksur tal-artikolu 6 u l-artikolu 1 tal-Protokoll tal-Kap. 319 hu frivolu u vessatorju billi f’dan il-kaz il-Qorti mhix qed tintalab tiddetermina ebda dritt civili mill-appellanti u ma qed jigi invokat ebda dritt civili li gie lez lill-appellanti. Huma third party objectors f’din l-applikazzjoni ghal zvilupp u kull permess jinhareg bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ terzi, li jista’ jkollhom interess pero ma jistax jinghad li qed jigu vjolati lilhom drittijiet civili f’ghoti ta’ permess ta’ zvilupp lil terzi li bil-ligi u permess innifsu ma jippregudikax id-drittijiet civili ta’ terzi li ghandhom miftuha rimedji li taghti l-istess ligi. Lanqas jista’ jinghad li qed jigi lez xi dritt ta’ proprjeta billi l-applikazzjoni mertu tal-appell si tratta ta’ proprjeta ta’ terzi mhux l-appellanti u ebda vjolazzjoni fuq il-proprjeta tal-appellant ma hu qed jigi invokat li qed jigi perpetrat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis dan ir-rikors bhala frivolu u vessatorju u qed tichdu, bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------